MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 200/2004

Italian Image Co. Ltd
vs
Silvio Naudi

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-"somma ta' elfejn seba mija u seba Liri Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm2,707.94c) oltre l-imghax legali mill-20 ta' Frar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, import ta' kambjala iffirmata minnek fit-30 ta' Jannar, 2004 in rikonoxximent ta' debitu dovut minnek lis-socjeta' attrici ghall-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilek mis-socjeta attrici"

Bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali datata 6 ta' April, 2004 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata waqt is-seduta tal-lum li permezz taghha l-istess konvenut ammetta it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil-Italian Image Co Ltd s-somma mitluba ta’ elfejn seba mija u seba Liri Maltin u erba’ u disghin centezmu (Lm2,707.94c) oltre l-imghax legali mill-20 ta’ Frar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta’ attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------